# M I N U T I

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**LAQGĦA NUMRU 12**

2 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fit-8:30 ta' filgħodu u dan skont riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | V/Sindku |
| Is-Sur James Aaron Ellul | ( JAE | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| M' Lourdes Lautier | (MLL) | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Is-Sindku DSH ippresediet din il-laqgħa straordinarja.

**12.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

12.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**12.2 Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv**

12.2.1 Is-Sindku DSH għarrfet formalment lill-membri preżenti dwar ir-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv li ntbgħatet lid-Direttur tal-Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) fl-20 ta' Novembru 2019 u li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha għalhekk ser tkun id-19 ta' Diċembru 2019.

12.2.2 Intant, id-Direttur tal-Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) għarraf lill-Kunsill li fis-27 ta' Novembru 2019 kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Emmanie Borg Bonaci fejn infurmatu li kienet qed tirriżenja mir-rwol tagħha ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv immedjatament.
Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li għalhekk il-Kunsill irid jinnomina persuna oħra minflokha u sussegwentement jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Is-Sindku DSH ġia qiegħda f' kuntatt mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex isiru arranġamenti għal din il- ħatra sabiex issir handover minnufih.

**Nota : 08:40 Il-Kunsillier VB talab li jkun skużat.**

12.2.3 Intant saret referenza għal Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali (DLG 28/2011 u Memo 4/2012 tas-6 ta' Jannar 2012) li l-Kunsill ser jimxi magħhom waqt dan il-proċess.

**Nota: 08:43 Il-Kunsillier VB reġa' attenda għall-laqgħa.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat abbozz tar-reklam li ser jidher fuq is-sit eletroniku tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll fil-Gażżetta tal-Gvern liema reklam ġie approvat mill-membri preżenti.
Hi l-intenzjoni tal-Kunsill li r-reklam jiġi publikat nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2019 u l-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2019.

Ġie maqbul li l-bord tal-għażla jkun kompost minn Chairperson DSH, u li l-membri jkunu GD u JAE.

**Nota: 08:45 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

Peress li s-Segretarju Eżekuttiv m' aċċettatx li toqgħod segretarja ta' dan il-bord, ser tinħatar is-Sinjorina Leanne Mifsud (Segretarju Eżekuttiv tal- Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) bħala s-segretarja tal-bord tal-għażla u ser tkun imħallsa għal dan is-servizz. L-ewwel laqgħa ta' dan il-bord ser tinżamm it-Tnejn, 23 ta' Diċembru 2019 fit-8.00am.
Is-Sindku DSH temmet billi irringrazzjat lis-Segretarja Eżekkuttiv MLL għas-servizz lejali li tat lill-Kunsill.

**12.3 TMIEM IL-LAQGĦA**

12.3.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:50am u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 5 ta' Diċembru 2019 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum 5 ta' Diċembru 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv